**74. Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u Kostruzzjoni, l-Onor Charles Buhagiar ippropona:**

Illi dan il-Parlament japprova t-twaqqif ta' Kummissjoni dwar l-Industrija tal-Bini f'Malta li tkun magħrufa bħala l-Kunsill Konsultattiv dwar l-Industrija tal-Bini (Building Industry Consultative Council).

i. L-għanijiet tal-Kunsill Konsultattiv dwar l-Industrija tal-Bini huma dawk murija f'artikolu tlieta taħt it-titlu "Oġġettiv" fl-istatut (dokument anness).

ii. Il-Kunsill se jkun iffurmat minn rappreżentant tal-Ministeru tax-Xogħlijiet Pubbliċi u Kostruzzjoni f'isem il-gvern u s-settur privat b'rappreżentanza kif muri hawn taħt:

1. General Retailers and Traders Union rappreżentati mis-Sur Vincent Farrugia;

2. Federazzjoni ta' l-Industrija rappreżentata mis-Sur Angelo Xuereb;

3. Il-Kamra tal-Kummerċ rappreżentata mis-Sur Nazzareno Vassallo;

4. L-Estates Agents Association rappreżentata mis-Sur G Bonnici;

5. Il-Kamra tal-Periti u Inġinieri rappreżentata mill-Perit Godwin Zammit BE&A, A&CE;

6. Il-Kamra ta' l-Inġiniera Professjonali rappreżentata mill-Ing Joseph P Sammut, B Mech Eng (Hons), Eur Ing;

7. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar rappreżentata mis-Sur Godwin Cassar;

8. Il-General Workers' Union rappreżentata mis-Sur Jack Calamatta; u

9. Il-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Maltin rappreżentata mis-Sur Joseph Gerada.

Is-settur privat jista' jintalab iżid in-numru ta' rappreżentanti kemm-il darba tinħass il-ħtieġa li oqsma oħra jkunu rappreżentati kif speċifikat f'artikolu sebgħa ta' l-istatut.

iii. Il-Kunsill irid jaħtar Bord Eżekuttiv u Bord Konsultattiv skond it-termini kif speċifikat fl-istatut.

iv. Il-Kunsill ikun immexxi minn Chairman li jkollu wkoll il-funzjoni ta' Uffiċjal Eżekuttiv, li jkun nominat mill-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u Kostruzzjoni u approvat mill-Prim Ministru. L-ewwel Chairman se jkun is-Sur Martin Debono A&CE.

v. Il-ħatra tal-Kunsill se tkun għal tliet snin u tiġġedded għall-perjodu ta' tliet snin kull darba sakemm il-gvern ma jagħtix avviż bil-miktub lir-rappreżentanti l-oħrajn ta' l-anqas xahar qabel ma jiskadi t-terminu tal-perjodu bl-intenzjoni li l-ħatra ta' dan il-Kunsill mhux se tiġġedded.

vi. Kull rappreżentant ieħor f'dan il-Kunsill jista' jagħti avviż lill-gvern li se jirtira minn dan il-ftehim wara li jiskadi t-terminu tal-perjodu. Il-Kunsill jibqa' jiffunzjona sakemm il-gvern u wieħed mir-rappreżentanti l-oħra jibqgħu jagħmlu parti minn dan il-Kunsill.

vii. Il-gvern se jipprovdi lill-Kunsill:

i. Bini li jservi ta' uffiċċju, mingħajr ħlas għall-perjodu ta' dan il-ftehim;

ii. Membri amministrattivi u klerikali ta' l-istaff mis-settur pubbliku;

viii. Ir-rappreżentanti l-oħra f'dan il-Kunsill jistgħu jipprovdu fondi u faċilitajiet lill-Kunsill sabiex jgħinu lill-Kunsill iwettaq il-ħidma tiegħu skond l-istatut;

ix. L-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Kunsill għandu jħejji estimi annwali għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn l-estimi jridu jkunu approvati mill-Ministeru tax-Xogħlijiet Pubbliċi u Kostruzzjoni u ffinanzjati mill-gvern b'vot annwali.

23.9.1997

**Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u Kostruzzjoni ppropona din l-emenda verbali:-**

L-ismijiet li jidhru f'paragrafi minn 1 sa 9 għandhom jinqatgħu.

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u Kostruzzjoni talab il-permess sabiex jirtira l-emenda verbali mressqa minnu fis-seduta Nru. 118 tat-8 ta' Ottubru, 1997.

Il-permess ingħata u l-emenda verbali ġiet irtirata.

**Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u Kostruzzjoni ressaq din l-Emenda "A":-**

Il-mozzjoni Nru. 74 imressqa fis-Seduta Nru 118 tat-8 ta' Ottubru għandha tinbidel kif ġej:

1. Wara l-kliem "(*Building Industry Consultative Council)"* fl-ewwel paragrafu, għandhom jiżdiedu l-kliem li ġejjin:

"Li ser jitwaqqaf bi ftehim bejn il-Gvern u s-settur privat skond abbozz ta' ftehim hawn anness";

2. L-ismijiet li jidhru fis-subparagrafu (ii) għandhom jitħassru; u

3. Minflok il-kliem "Il-Kamra tal-Periti u Inġinieri" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Kamra ta' l-Arkitetti u Inġinera Ċivili".; u

4. Minflok id-dokumenti annessi mal-mozzjoni oriġinali Nru. 74 Kopja tal-ftehim mhux inkluż mal-mozzjoni oriġinali.".

**L-Emenda għaddiet nem. con.**

**Il-mozzjoni dwar it-Twaqqif ta' Kummissjoni dwar l-Industrija tal-Bini f'Malta, kif emendata, għaddiet nem. con.**